**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**21 ta' Mejju, 2023**

# L-EWWEL TQARBINA

Nhar il-Ħadd 28 ta' Mejju se jkollna l-festa tal-Ewwel Tqarbina. Il-quddiesa tibda fl-10:00am. Minn hawn nifirħu lit-tfal kollha li se jirċievu lil Ġesù Ewkaristija għall-ewwel darba f'ħajjithom. Kemm huwa mument sabiħ għalihom. Aħna min-naħa tagħna nitolbu għalihom biex minkejja l-età żgħira tagħhom, jifhmu li meta jirċievu lil Ġesù, jersqu aktar lejn xulxin.
Se nagħti xi ħsibijiet lill-qarrejja ta' dan il-messaġġ dwar l-Ewkaristija.

- Għandna nitqarbnu bid-devozzjoni li tixraq. Anke meta nieklu f'restorant, nistgħu mmorru sempliċiment biex niffangaw bl-ikel u nistgħu nieħdu l-ikla bħala mument li fih niltaqgħu mal-ħbieb. Fl-Ewkaristija qed niltaqgħu mal-ikbar Ħabib.
- L-ikel Qaddis li nieħdu, l-Ostja Mqaddsa, isostnina u fl-istess ħin ifakkarna li aħna għandna nkunu ikel u għandna nsostnu lill-oħrajn. Ma ninsewx li fl-okkażjoni tal-aħħar ikla mal-Appostli, Ġesù ħasel saqajn id-dixxipli. It-tqarbin huwa sinjal tal-impenn tagħna li naqdu, li nservu.
- Kemm hija ħaġa kerha meta aħna nonqsu kontra l-Ewkaristija bi kliem ta' disprezz, b'dagħa jew nuqqas ta' rispett. Ma ninsewx li xħin nidħlu fil-knisja nistgħu nsellmu lil Kristu preżenti fit-tabernaklu.



- Xi drabi tisma' persuni li b'disprezz u qilla jgħidu "Imbasta tibla' l-Ostja!" għal xi ħadd li skont huma, ma jixraqlux jitqarben. Jekk niġu f'dan, ħadd mhu daqshekk tajjeb u qaddis li jixraqlu dan ir-rigal kbir. Min-naħa l-oħra l-Ewkaristija hija l-ikel għal min hu għaddej fit-triq tal-ħajja. Kristu jridna nibqgħu qrib tiegħu minkejja l-fraġilità u d-dgħufija tagħna.

Naħseb li l-ikbar eżempju li nistgħu nagħtu lit-tfal tal-Ewwel Tqarbina huwa li nemmnu f'Ġesù Ewkaristija, nirċevuh bil-qima u naqduH f'ħutna.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**VELJA TAL-PENTEKOSTE**

Se ssir il-Velja tal-Pentekoste, nhar is-27 ta' Mejju, fuq iz-zuntier tas-Santwarju ta' Pinu. Dawk li jixtiequ jiġu bit-trasport tal-parroċċa jekk jogħġobhom jiġu jħallu isimhom fl-Uffiċċju Parrokkjali jew iċemplu u jkellmu lil Tonina Vella jew lil xi saċerdot li jkun fl-uffiċċju. (tel. 21551649) It-trasport ikun minn ħdejn l-Uffiċċju fit-7:45pm.



**L-AVVIŻI:**

**ĠABRA MIS-SORIJIET TAL-KARITÀ:** f'dan is-Sibt 20 u l-Ħadd 21 ta' Mejju. Is-Sorijiet se jkunu fil-bibien tal-knisja parrokkjali wara kull quddiesa. Ngħinu mill-aħjar li nistgħu.

**FESTA TA' SANTA RITA:** fl-okkażjoni tal-festa li tiġi ċċelebrata fil-knisja ta' Santu Wistin, ir-Rabat, nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju, se tiġi ċċelebrata quddiesa fl-10:00am fejn isir it-tberik tal-fjuri. Il-parroċċa se torganizza t-trasport fid-9:30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Ċemplu lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

**IT-TIENI PROVA:** it-tfal tal-Ewwel Tqarbina se jkollhom it-tieni prova nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju fil-5:30pm fil-knisja.

**QUDDIESA MARJANA GĦAT-TFAL:** nhar l-Erbgħa 24 ta' Mejju fil-5:00pm, fil-knisja. Nistiednu lit-tfal kollha kif ukoll lill-ġenituri biex jattendu.

**TWELID TA' PATRI PIJU TAL-PJAGI:** ċelebrazzjoni fil-knisja tal-Kapuċċini nhar il-Ħamis 25 ta' Mejju. Tluq fis-6:00pm u trasport provdut ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali.

**RUŻARJU FIL-BERAĦ:** nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju fil-playing field tal-Ħali ma' Triq Għajn Qasab. Kulħadd hu mistieden, għat-talba favorita ta' Ommna Marija. Jibda fis-6:00pm.

**TIEĠ:** nhar is-Sibt 27 ta' Mejju fil-5:00pm fil-knisja.

**IL-QUDDIESA TAL-11:00AM:** f'Jum l-Ewwel Tqarbina se ssir fis-Sala Parrokkjali fi Triq Xandriku.

**PURĊISSJONI BIL-MADONNA u PROGRAMM MARJAN:** il-Mużew tas-Subien qed jistedinkom għall-purċissjoni bix-xbieha tal-Madonna, liema purċissjoni se ssir nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju, ftit wara s-7:00pm. Mal-wasla tal-purċissjoni fil-Mużew, fit-8:00pm se jsir program Marjan fil-grawnd. Kulħadd huwa mistieden.

**FESTA TA' SANT ANTNIN:** taħt in-noticeboards fil-knisja ħallejnielkom envelopes li ġabulna l-Patrijiet Franġiskani tax-Xatt. Min irid, jista' jieħu wieħed biex jagħmel l-offerta u jqiegħdu mal-ferta jew iġibu fl-Uffiċċju Parrokkjali. L-offerta mbagħad ngħadduha lill-Gwardjan.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am